

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RAKKOMANDEZZJONIJIET

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

RAKKOMANDEZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-28 ta' Novembru 2013

dwar l-istatistika tal-ħlasijiet

(BĊE/2013/44)

(2014/C 5/01)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 5.1 u t-tielet inċiż tal-Artikolu 34.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 jipprova li jista' jinġabar tagħrif statistiku fil-qasam tal-ħlasijiet u tal-istatistika tas-sistemi ta' ħlasijiet. Permezz tar-Regolament (UE) Nru 1409/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2013/43) ⁽²⁾ il-BĊE stabbilixxa qafas meħtieġ għall-ġbir tal-istatistika tal-ħlas sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu mill-fornituri ta' servizzi ta' ħlas, mill-emittenti ta' flus elettroniċi, u mill-operaturi tas-sistema ta' ħlas. Din id-dejta hija essenzjali għall-identifikazzjoni u l-monitoraġġ tal-iżviluppi fis-swieq tal-ħlasijiet fi ħdan l-Istati Membri, u biex tassisti fil-promozzjoni tat-tħaddim bla xkiel tas-sistemi ta' ħlas.
- (2) Il-Banek Ċentrali Nazzjonali (BĊNi) tal-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro, u li qed jipparteċipaw fil-qafas għall-ġbir tal-istatistika tal-ħlasijiet għandhom jikkooperaw flimkien, mal-BĊNi tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro u mal-BĊE fl-applikazzjoni ta' dan il-qafas skont ir-Regolament (UE) Nru 1409/2013 (BĊE/2013/43),

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI:

I. Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, it-termini "fornituri ta' servizzi ta' ħlas", "emittenti ta' flus elettroniċi", u "operaturi tas-sistema ta' ħlas" għandhom l-istess tifsira kif iddefiniti fir-Regolament (UE) Nru 1409/2013 (BĊE/2013/43).

II. L-għoti ta' tagħrif statistiku

Id-destinatariji ta' din ir-Rakkomandazzjoni għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet indirizzati lill-BĊNi li jnsabu fir-Regolament (UE) Nru 1409/2013 (BĊE/2013/43).

III. Dispożizzjoni finali

Din ir-Rakkomandazzjoni, sa fejn huwa applikabbli, hija indirizzata lill-BĊNi tal-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro, li qed jipparteċipaw fil-qafas għall-ġbir tal-istatistika tal-ħlas fis-SEBĊ, stabbilita skont ir-Regolament (UE) Nru 1409/2013 (BĊE/2013/43).

Magħmula fi Frankfurt am Main, it-28 ta' Novembru 2013.

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 1, Vol. 3, p. 23-34.

⁽²⁾ Regolament (UE) Nru 1409/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-28 ta' Novembru 2013 dwar l-istatistika tal-ħlasijiet (BĊE/2013/43) (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 18).